MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Numru 1428/2007

PULIZIJA
SPETTUR MAURICE CURMI
VS
THERESA ROSALES

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Theresa Rosales, ta’ 46 sena, mart Edmund, bint Nicholas Farrugia u Pauline nee’ Micallef, imwielda Pieta’ fit-28 ta’ Lulju 1961, residenti fl-indirizz, ‘Puerto Principessa’, Triq F. Geneste, Birkirkara u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 512661(M).

Illi hija akkuzata:

1) Talli fil-5 ta’ Awissu 2007 u f’dati precedenti, f’Birkirkara u f’postijiet ohra, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi

kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi write haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000 bi hsara ghad-dipartiment tas-Sigurta' Socjali u ta' Edmund Rosales;

2) Talli fl-istess cirkostanzi b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamlet falsifikazzjonijiet ta' cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'att pubbliku tal-Gvern u dan ghad-detriment ta' l-istess dipartiment tas-Sigurta' Socjali u Edmund Rosales;

3) Talli fl-istess cirkostanzi b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamlet falsifikazzjonijiet fi skritturi kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halqet pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. Jew aktar li ghamlet uzu minn tali skritturi u cioe applikazzjoni ghall-allowance tat-tfal datata 29 ta' Mejju 2007 u dan ghad-detriment ta' l-istess dipartiment tas-Sigurta' Socjali u Edmund Rosales.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (Dok.C1) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata fuq it-tielet akkuza minghajr l-aggravju tar-reat kontinwat;

Semghet l-istess konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputata zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur jirrizulta illi l-kwerelant, ragel ta' l-imputata, kien rraporta lill-Pulizija illi l-imputata kienet ffalsifikat il-firma tieghu fuq applikazzjoni ghal *children's allowance.* Il-kwerelant informa lil Pulizija illi kien cert li ma kienx iffirma tal-applikazzjoni.

L-Ufficjal Prosekutur ezebixxa l-istqarrija Dok.C

Edmond Rosales ikkonferma r-rapport li ghamel kontra martu u xhed illi qabel ma mar ghand il-Pulizija, kien acceda ghand id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali talab li jara l-applikazzjoni tac-*children's allowance.* Ghalhekk seta' jikkonferma illi l-firma ma kinitx tieghu u talab lill-Pulizija jipprocedu. Ikkonferma illi fid-data indikata fic-citazzjoni ma kienx qed jaghti flus lil martu u li kien ghamel sekwestru fuq il-kontijiet bankarji tal-familja.

L-imputata ammettiet ghat-3 akkuza u xhedet illi zewgha kien ilu ma jghaddilha manteniment ghal 3 xhur u li l-kontijiet bankarji kienu ffrizati. Xhedet illi hija ffirmat l-applikazzjoni tac-*children's allowance* f'dawn ic-cirkostanzi u cioe ghaliex kostretta tiffalsifika l-firma tal-kwerelant sabiex titma lill-uliedha.

Illi din il-Qorti tifhem illi c-cirkostanzi tal-kaz jippernjaw u jinkwadraw fuq it-tielet akkuza biss. Illi l-ewwel u t-tieni akkuza huma alternattivi u in vista ta' l-ammissjoni ta' l-imputata fuq it-tielet akkuza, il-Qorti ssibha mhux hatja ta' l-ewwel zewg akkuzi u tilliberaha minnhom.

Ghal rigward tat-tielet akkuza u fuq l-istess ammissjoni taghha il-Qorti ssib lill-imputata, Theresa Rosales, hatja u wara li rat Artikoli 183 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti semghet is-sofferenzi li minnha ghaddiet l-imputata, li sfat bla manteniment ghal tlett (3) xhur u bit-trobbija ta' tlett (3) ulied minuri u li kienet kostretta taghmel dak li ghamlet biss sabiex tkun f'posizzjoni titma u tindokra tlett itfal li kienu jiddependu minnha. In oltre' **cheque tac-*children's allowance* jaspetta lil mara tal-familja**, u jaghmel **ftit** sens li f'cirkostanzi ta' glied matrimonjali, illi mara tad-dar tkun kostretta **titlob ghal firma tar-ragel taghha fuq applikazzjoni** sabiex tkun tista' tiehu dak li hu taghha u ta' uliedha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------